MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Numru. 601/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Jacqueline Rapinett ta' 32 sena, bint Carmelo Rapinett u Pauline nee` Farrugia, imwielda 25 ta' Novembru, 1976, Pieta , u residenti Flat1, Blokk 16, Triq Sofia, Bormla, ID56077M**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniji migjuba kontra l-imputata u cioe` talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-Bajja ta' San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. nhar l-10 ta' Lulju 2008, f' xi hin bejn is-saghtejn (14.00hrs) u l-erbgha (16.00hrs) ta' wara nofsinhar, ikkommettiet serq ta' basket li kien jikkontjeni camera tar-

ritratti digitali tal-marka Canon, telefon cellulari tal-marka Sony Ericsson, telefon cellulari tal-marka Nokia, headphones, flus kontanti u oggetti ohra, ghal valur komplessiv li jeccedi €233, izda anqas minn €2330, ghad-dannu ta’ Anastasia Svetelkina u Martina Zajdel, liema serq u kwalifikat bil-‘valur’;

2. u aktar talli fl-istess lok u cirkostanzi, nhar t-3 ta’ Lulju 2008, f’xi hin bejn it-tlieta (15.00hrs) u l-erbgha (16.00hrs) ta’ wara nofs in-nhar, ikkmommettiet serq ta’ basket li kien jikkontjeni, telefon cellulari tal-marka Samsung u oggetti ohra, ghal valur komplessiv li jeccedi €233, izda anqas minn €2330, ghad-dannu ta’ Antonio Spinelli, liema serq huwa kwalifikat bil-‘valur’;

3. u aktar talli fl-istess lok u cirkostanzi, nhar t-30 ta’ Gunju 2008, ghal habta tas-saghtejn (14.00hrs) ta’ wara nofs in-nhar, ikkmommettiet serq ta’ basket li kien jikkontjeni, telefon cellulari tal-marka Sony Ericsson, flus kontanti u oggetti ohra, ghal valur komplessiv li jeccedi €233, izda anqas minn €2330, ghad-dannu ta’ Nadine Horrig, liema serq huwa kwalifikat bil-‘valur’;

4. u aktar talli fl-istess lok u cirkostanzi, nhar t-30 ta’ Gunju 2008, ghal habta ta’ xi l-erbgha u kwart (16.15hrs) ta’ wara nofs in-nhar, ikkmommettiet serq ta’ basktijiet li kien jikkontjeni, telefon cellulari tal-marka Samsung, telefon cellulari tal-marka Sharp, flus kontanti u oggetti ohra, ghal valur komplessiv li jeccedi €233, izda anqas minn €2330, ghad-dannu ta’ Caroline Camilleri u Maria-Paola Schembri, liema serq huwa kwalifikat bil-‘valur’;

5. u akkuzata aktar talli fl-istess lok u cirkostanzi fil-granet ta’ bejn it- -30 ta’ Gunju 2008 u d-9 ta’ Lulju, 2008, b’diversi atti maghmula b’rizuluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ikkmommettiet serq ta’ diversi basktijiet li kien jikkontjenu cameras tar-ritratti, telefon cellulari tal-marka Samsung, telefons cellulari ghal valur komplessiv li jeccedi €233, izda anqas minn €2330, ghad-dannu ta’ diversi niex mhux maghrufa;

6. u akkuzata wkoll talli saret recidiva b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni mghamula mill-imputata llum stess liema ammissjoni giet irrijaffermata wara li l-Qorti tghatha zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha illum l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar piena l-Qorti pero sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata u l-fatt illi hija ikkollaborat bis-shih mal-pulizija tant illi kienet hi stess li ammettiet ghal diversi serqiet ohra u fuq kollox il-problema serja illi l-imputata tidher li ghandha fil-vizzju tad-droga. Il-Qorti thoss illi l-imputata ghandha tinghata l-ahhar opportunita sabiex tipprova teghleb dan il-vizzju u tiehu l-kura li tidher li ghandha bzonn b'mod immedjat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261( c ) u 267 tal-Kap 9 al-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, ghajr ghall-ahhar akkuza dwar ir-recidiva peress illi ma tressqet l-ebda prova dwar l-istess. izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7(1) u 5 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda tqieghed lill-hatja taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum b'dan illi hija ghandha tibda ssegwi program residenzjali sabiex teghleb il-vizzju tad-droga u dan taht dawk id-direttivi u ordnijiet li joghgbu jghamlilha l-Ufficjal tal-Probation u dan ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dana il-perijodu

probation jew jekk hija ma tobdix id-direttivi mghotija lilha mill-ufficjal tal-probation.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti finalment qed tordna li kopja ta' l-atti u tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------